DIGRIET TAL-PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

6 ta' Mejju 2014*

"Proċedura mħaffa"

Fil-Kawża C-181/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' April 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' April 2014, fil-proċeduri kriminali kontra

**G.,**

IL-PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

wara li ra l-proposta ta' J. Malenovský, Imħallef relatur,

wara li sema' lill-Avukat Ġenerali, Y. Bot,

jagħti l-preżenti

**Digriet**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "prodott mediċinali", fis-sens tal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69) kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 262, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2001/83").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra G, li ġie akkużat li biegħ taħlita ta' ħxejjex li tinkludi b'mod partikolari kannabinoidi sintetiċi, li, fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, ma kinux jaqgħu taħt il-liġi Ġermaniża dwar is-sustanzi stupefaċenti (Betäubungsmittelgesetz).

3 Fl-ewwel istanza, G ġie kkundannat mil-Landgericht Itzehoe (il-Ġermanja) għal piena ta' priġunerija ta' erba' snin u nofs, kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' EUR 200 000. Dik il-qorti qieset, fil-fatt, li l-bejgħ ta' dawn it-taħlitiet kien jikkostitwixxi att ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali dubjużi, fis-sens tal-Artikoli 5(1) u 4(17) tal-liġi Ġermaniża dwar il-prodotti mediċinali (Arzneimittelgesetz), u li, b'hekk, G kien wettaq ksur tal-Artikolu 95(1)(1) ta' din il-liġi.

4 G ressaq appell għal "Reviżjoni" quddiem il-qorti tar-rinviju.

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

5 F'dan il-kuntest, il-Bundesgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 2001/83 [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li sustanzi jew kombinazzjonijiet ta' sustanzi fis-sens ta' din id-dispożizzjoni li sempliċiment jimmodifikaw il-funzjonijiet fiżjoloġiċi tal-bniedem — jiġifieri mingħajr ma jirrestawrawhom jew jikkoreġuhom —, jistgħu jitqiesu li huma prodotti mediċinali biss meta jkollhom użu terapewtiku jew, fi kwalunkwe każ, meta jimmodifikaw il-funzjonijiet fiżiċi b'mod pożittiv? Għaldaqstant, għandhom jiġu esklużi mill-kunċett ta' prodott mediċinali fis-sens tad-Direttiva is-sustanzi jew il-kombinazzjonijiet ta' sustanzi li jiġu kkonsmati biss minħabba l-effetti psikoattivi tagħhom — li jagħtu lok għal stat ta' telf mis-sensi — u li għalhekk għandhom fi kwalunkwe każ effett perikoluż għas-saħħa?"

6 B'att separat tat-8 ta' April 2014, il-qorti tar-rinviju talbet, lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

7 Sabiex tiġġustifika t-talba tagħha, il-qorti tar-rinviju indikat li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tirrispondi fl-affermattiv għad-domanda preliminari, ir-responsabbiltà kriminali ta' G ma tkunx tista' tiġi attribwita għall-fatti li għalihom huwa akkużat, b'mod li huwa jkun tqiegħed f'detenzjoni inġustament.

8 B'deċiżjoni tal-15 ta' April 2014, it-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx hemm lok li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju li tissuġġetta din il-kawża għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 23a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura, għar-raġuni li d-Direttiva 2001/83, li tagħha qed tintalab l-interpretazzjoni, ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 95 KE, li sar l-Artikolu 114 TFUE, li jaqa' taħt it-Titolu VII tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE. Issa, il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari hija rriżervata biss għar-rinviji preliminari li jqajmu kwistjoni jew diversi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-oqsma msemmija fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat.

9 Madankollu, skont l-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista', *ex officio*, f'każijiet eċċezzjonali, meta n-natura tal-kawża titlob li tiġi ttrattata fl-iqsar żmien possibbli, u wara li jinstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, jiddeċiedi li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 23a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u fl-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

10 F'din il-kawża, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li ż-żamma fid-detenzjoni ta' G tiddependi esklużivament mir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. Issa, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jipprevedi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha taġixxi fl-iqsar żmien possibbli jekk il-kawża pendenti quddiem qorti nazzjonali tirrigwarda persuna miżmuma f'detenzjoni.

11 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li n-natura tal-kawża preżenti tiġġustifika li tiġi ttrattata fl-iqsar żmien possibbli.

12 Għaldaqstant, il-Kawża C-181/14 għandha *ex officio* tiġi suġġetta għall-proċedura mħaffa.

Għal dawn il-motivi, Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jordna:

**Il-Kawża C-181/14 għandha *ex officio* tiġi suġġetta għall-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 23a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.**

Firem